TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Victor Magro

vs

Chartlon Bonello - CB Installations

CCT 61/20/MS

24 ta' Frar 2021

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-15 ta' Mejju 2020 fejn talab ir-rifuzjoni ta' mitt euro, depozitu mhallas ghal sistema ta' CCTV, liema sistema qatt ma gie imwahhal mill-intimat.

Ra illi l-intimat debitament notifikat bis-seduta, ma dahalx risposta u ma deherx quddiem dan it-Tribunal, anke meta l-kawza thalliet ghall-provi tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi irrizulta mill-provi illi r-rikorrent ordna sistema ta' CCTV minghand l-azjenda intimata ghal prezz ta' €671.42. Ir-rikorrent ighid li hallas mitt Euro depozitu fuq l-ordni li saret fl-4 ta' Ottubru 2019. Il-ftehim kien li l-intimat kien ser jigi jwahhal is-sistema wara jumejn, pero' sa' Marzu 2020 l-intimat ma sema xejn u gietu l-hsieb li dan kien scam. Wara, hames xhur, f'Marzu 2020 ircieva telefonata minghand l-intimat biex jigu installaw is-sistema pero' wara hames xhur ma kienx ghadu interessat. Xi hadd mill-kumpanija qallu li kienu ppruvaw jikkuntattjawh bla success, izda dan gie negat mir-rikorrent. Ighid ukoll illi xtara sistema ohra nel frattemp u ghalhekk ma kienx ghadu interresat fis-sistema u xtaq jiehu d-depozitu lura. Gie offrut credit note mill-kumpanija, pero' ma accettahiex ghaliex tilef il-fiducja fil-kumpanija. Ighid ukoll illi ma kkunttatjax il-kumpanija qabel, ghaliex haseb illi kien gie ffrodat (scammed).

Illi hadd ma deher ghall-azjenda intimata debitament notifikata, nonostante illi t-Tribunal ghogbu jiddiferrixxi l-kawza ghal gurnata ohra ghall-provi kollha tal-istess kumpanija. Dan ma jawgurax tajjeb xejn u huwa riflessjoni tal-attitudini xejn professjonali tal-

kumpanija u jkompli jikkorobora l-versjoni tar-rikorrent illi xehed li gie injorat kompletament minn din il-kumpanija ghal hames xhur shah. U ghalkemm it-Tribunal ma jistax jifhem kif ir-rikorrent ma cempilx l-azjenda intimata ghal hames xhur shah, u ta' dan jiccensurah, il-fatt jibqa' illi hadd mill-azjenda intimata deher quddiem dan it-Tribunal biex jikkontrasta x-xiedha tar-rikorrent jew jaghti gustifikazzjoni ghal dak li gara. Fin-nuqqas, dan it-Tribunal ma jistax jispekola u jkollu joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu.

Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux triq ohra hlief li jilqa' t-talba tar-rikorrent, li wara kollox ma gietx kontradetta. Bhala fatt, ir-rikorrent hallas dan id-depozitu fuq sistema ta' CCTV, liema sistema qatt ma giet installata u imwahhla mill-azjenda intimata. Dan ifisser illi l-kuntratt ma giex onorat min-naha tal-azjenda intimata u ghalhekk ir-rikorrent m'ghadux marbut mit-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt u ghandu dritt jiehu lura dan id-depozitu.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna lill-intimat/ azjenda intimata ihallsu is-somma ta' mitt euro ghar-ragunijiet fuq premessi. Bl-ispejjes kontra l-istess intimat/ azjenda intimata.

Michela Spiteri Av.
Arbitru